MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 595/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**George Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm149.16c (mija u disgha w erbghin lira Maltin u sittax-il centezmu) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21248557 liema servizz gie nstallat fil-fond 59, Triq l-Imhazen, Floriana.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-24 ta' Marzu, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament, u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------